KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tmienja u Tmenin (89)***

***L-Erbgha, 7 ta' Novembru, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**89.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

89.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji.

**89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

89.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 88 li nzammet nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru 2018. Mal-Minuti tal-Laqgha hemm ukoll il-Minuti tal-laqgha li saret dwar it-Tender tal-Bandli.

89.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 88 kif ukoll il-Minuti tal-laqgha tal-Bandli tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

89.2.3 **Mozzjoni 89-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 88 kif ukoll il-Minuti tal-Laqgha tal-Bandli.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici-Sindku Emanuel Vassallo
Il-Minuti Numru 88 u l-Minuti tal-Laqgha tal-Bandli gew approvati unanimament.

**89.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 89/2018 – Ottubru 2018***

89.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 89-2018 biċ-ċekkijiet numru 6254 sa 6283 li tammonta €21,998.06

88.3.2 **Mozzjoni 89-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 89-2018 bl-ammont ta' €21,998.06
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsilliera Miriam Schembri
L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 89-2018 giet approvata unanimament.

**89.4 <u>Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart – Lulju-Settembru 2018</u>**

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Accountant tal-Kunsill.*

89.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart – Lulju-Settembru 2018.

89.4.2 L-*accountant* tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-figuri li hemm fir-rapport.

88.4.3 Ghaldaqstant, wara diskussjoni, Il-Kunsill qabel unanimament mar-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart tas-Sena.

*L-Accountant tal-Kunsill hareg mill-kamra.*

**89.5 <u>Korrispondenza</u>**

89.5.1 Tressqet korrispondenza dwar l-Applikazzjoni tal-Korsijiet tal-Lifelong Learning. Il-Kunsilliera Miriam Schembri issugeriet li jinxtraw xi siggijiet u mwejjed. Dwar dan il-Kunsill qabel.

89.5.2 Tressqet korrispondenza dwar Skema Finanzjarja ghall-Hajja Ahjar permezz tal-Ezercizzju Fiziku u Sports. Wara diskussjoni il-Kunsilliera Miriam Schembri qalet li se tipprova taghmel programm li jattira persuni vulnerabbli filwaqt li fl-iskema ninkludu ukoll il-programm tas-Summer School li l-Kunsill jorganizza bil-kollaborazzjoni tal-Youth Football Nursery.

89.5.3 Tressqet kwotazzjoni sabiex jinxtraw 3 bnadar u stand ghall-Ufficcju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinxtraw.

89.5.4 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex tintrama 'Bongu Bus' u jsir programm fuqha. Il-Kunsill ghandu jissugerixxi post fejn titpogga u jissuplixxi 3 phase. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-ahjar post huwa fuq Santu Rokku.

89.5.5 Tressqet korrispondenza minghand WSC dwar il-kaz ta' kumpens tas-Sinjura Agius fi Triq Santa Marija fejn il-WSC qed jsostnu li m'ghandhomx ihallsu minhabba li wara li sar ix-xoghol mill-WSC, il-Kunsill kellu jaghmel *reinstatement.* Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li f'dak il-perjodu lanqas permess ta' *trenching* ma kien sar mal-Kunsill Lokali. Ghaldaqstant il-Kunsill ma qabilx li ghandu jikkumpensa a-spejjez tieghu izda ghandu jikteb ittra bl-avukat lill-WSC.

89.5.6 Tressqet korrispondenza mill-Kullegg San Benedittu Hal Kirkop fejn qed jitolbu ghajnuna finanzjarja sabiex jippublikaw il-Magazin Annwali. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba minhabba li legalment dan ma jistax isir.

89.5.7 Tressqet korrispondenza rigward is-Sistema l-gdida dwar il-haddiema tal-RSSL u CWSEF. Is-Sindku Darren Abela qal li attenda l-laqgha li saret dwar dan is-suggett fejn informa li l-Kunsill jista jiffirma ftehim mal-AKL sabiex il-haddiema jigu regolarizzati u l-Kunsill ikollu l-appogg tal-Assocjazzjoni dwarha. Il-Kunsill qabel li jiffirma il-ftehim. Il-Kunsilliera Miriam Schembri pproponiet li l-iskeda tal-haddiema tibda tittella' fil-laqgha tal-Kunsill kull xahar.

89.5.8 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar il-possibilita li ssir gabra ohra ta' bulky refuse minhabba l-ammont ta' bulky refuse li qed ikollna. Il-Kunsill qabel li minn Jannar li gej issir gabra ohra li preferibilment il-gbir jibda jsir it-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha.

89.5.9 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll ilmenti fuq il-hinijiet tal-gbir ta' skart minhabba li l-kuntrattur qed jibda fis-7am meta fil-kuntratt suppost jibda fis-7.30am. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lill-kuntrattur dwar il-hin u jinfurmah ukoll dwar il-gbir ta' skart meta jingabru iz-zewg boroz f'daqqa. F'kaz li qed juza it-trakk il-gdid li ghandu kaxxi separati, dan ghandu jipprovdi ritratti u log book skond kif stipulat fit-tender.

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Kunsillier Keith Fenech (18:52)*

89.5.10 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet ukoll li hemm talba sabiex tizdied gabra ohra tal-borza griza/hadra. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Greenpak dwar dan u f'kaz li jkun hemm qbil, din il-gabra ghandha ssir il-Gimgha jew is-Sibt.

**89.6 <u>Attivitajiet ghal zmien il-Milied</u>**

89.6.1 Tressqet kwotazzjoni sabiex jigi ddisinjat il-presepju tal-Pjazza. L-istima hija ta' Eur2,000 minghajr VAT. Il-Kunsill approva.

89.6.2 Tressqet ukoll kwotazzjoni minghand kumpanija li torganizza attivitajiet fi zmien il-Milied. Din il-kwotazzjoni hija ta' €750 VAT inkluz. Il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attivita, fejn gie propost li ssir il-Hadd filghodu u d-dati ghandhom ikunu 9/12 jew 16/12 bejn 10.30-12.30 fil-Pjazza.

89.6.3 Rigward it-tizjin tal-Milied, is-Sindku qal li se jkun qieghed jaghmel laqgha mal-kazini sabiex naraw l-ideat x'inhuma.

**<u>89.7</u> <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

89.7.1 Is-Sindku Darren Abela ppropona li titpogga *road hump* quddiem l-ispizjara fi Triq ic-Ceppun. Il-Kunsill qabel li jibghat lill-TM ghall-approvazzjoni.

89.7.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jsiru zewg gradi ohra fi Gnien il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tingieb stima u titressaq Kunsill.

89.7.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-Karnival tat-tfal fejn propona li din is-sena it-tfal naghtuhom ukoll l-opportunita li jaghmlu l-maskli huma. Il-Kunsill jipprovdi l-

materjalb riciklat u affarijiet ohra li jkun hemm bzonn. Ghal din l-attivita' ngibu ukoll persuna jiehu r-ritratti u kull participant naghtuh certifikat. Is-Sindku Darren Abela ppropona ukoll li jsir banner tal-Karnival u dan jitpogga fil-Pjazza fiz-zminijiet tal-Karnival. Gie propost ukoll li tingieb xi banda biex takkumpanja lit-tfal. Is-Sindku qal li se jkellem lill-bandisti. Dwar dan il-kontenut, il-Kunsill approva unanimament.

89.7.4 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li se jaghmel laqgha mal-V18 u mal-Ministru tal-Kultura.

89.7.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona ukoll li ssir maratona bil-kostumi tal-Karnival li tibda minn Hal Ghaxaq. Dwar dan kien hemm qbil fil-principju.

89.7.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mill-iskola primarja sabiex titnaddaf il-gardina tal-iskola. Is-Sindku qal li se jkellem lill-haddiema.

89.7.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq kwotazzjoni ta' Eur6000 sabiex il-konki fi Triq Napuljun Caruana Dingli jitnehhew u minflok isir parkegg. Il-Kunsill ma qabilx ma din l-istima.

89.7.8 Is-Sindku Darren Abela qal li talab kwotazzjoni lill-kazini sabiex jarmaw liedna bid-dawl minn Santu Rokku sal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li jistenna l-istima.

**89.8 <u>Mozzjonijiet</u>**

89.8.1 Annessi mal-Minuti

**89.9 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

89.9.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li l-floodlight tat-turretta ghadha mhix tixghel. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din giet irrapurtata diversi drabi u l-kuntrattur informa li mar isewwi. Ghaldaqstant din se terga tigi rrapurtata.

89.9.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li hemm zewg arbli fi Triq ic-Cimiterju mhux jixghelu u Arblu No 6 fi Triq il-Belt Valletta. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se tirraporta.

89.9.3 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal ukoll li l-bozza fil-Bypass li nharqet bis-sajjetta ghadha mhix tixghel.

89.9.4 Il-Kunsillier Keith Fenech rraporta li hemm hsara f'arblu no 4 fi Triq il-Qattus.

89.9.5 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar il-garaxx fi Triq ir-Rebbiegha. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandu jinghata dan l-garaxx qabel ibiegh il-garaxx li ghandu. Is-Sindku Darren Abela qal li huwa nfurmat li m'hemmx permess tal-PA izda hu ghadu ghaddej bid-diskussjonijiet.

89.9.6 Il-Kunsilliera Miriam Schembri tkellmet dwar l-ikla tal-anzjani fejn qalet li din is-sena l-ahjar li norganizzaw attivita' go xi restorant u l-Kunsill ihallas it-trasport. Dwar dan il-Kunsill qabel. Din l-attivita' ser issir fit-28 ta' Dicembru 2018.

89.9.7 Rigward l-ikla tal-Kunsill, gie propost it-8 ta Dicembru u se nkunu qed naraw din id-data hiex konvenjenti ghal kulhadd.

**87.9 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

87.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta, 4 ta' Dicembru, 2018 fl-5.30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-8.20pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 89**

**Mozzjoni Ref:** 89-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 88

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Rose Agius | Emanuel Vassallo |

**Data:** 7 ta' Novembru 2018

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 89**

**Mozzjoni Ref:** 89-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 89

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Rose Agius | Miriam Schembri |

---

**Data:** 7 ta' Novembru 2018

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**